MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 779/2008

**GasanMamo Insurance Ltd**
**Vs**
**Rudolph Anthony Bonnici et.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Ottubru, 2008 fejn is-socjeta' attrici qed tippremetti illi hija l-assikurattrici tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GBC 761, irregistrata f'isem l-assikurat taghha l-konvenut Rudolph Anthony Bonnici, taht polza assikurattiva tat-tip '*comprehensive*' li ggib in-numru *E3431501GBC761*. Illi fit-12 ta' Gunju, 2006 giet irregistrazzjoni '*claim*' mas-socjeta' attrici mill-konvenut Rudolph Anthony Bonnici taht din il-polza assikurattiva wara li stqarr li kien involut f'incident awtomobilistiku fl-10 ta' Gunju, 2006 ma' vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAB 782 misjuqa minn certu Yvette Calamatta , u stqarr ukoll '*I was driving and collided into Third Party's rear*'. Huwa pprovda wkoll formola '*Front to rear*' iffirmata miz-zewg sewwieqa in kwistjoni.

Illi in vista tac-cirkostanzi, is-socjeta’ attrici hallset elfejn , mitejn u disgha u ghoxrin ewro u sitta u sittin centezmu (€2,229.66) ghall-hsarat sofferti fuq il-vettura GBC 761 kif ukoll disgha mija u disgha u hamsin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€959.24) ghall-hsarat sofferti fuq il-vettura CAB 782. Sussegwentement irrizulta illi l-imsemmija Yvette Calamatta hija fil-fatt mart il-konvenut Rudolph Anthony Bonnici, u filfatt kunjomha mhux Calamatta izda huwa Bonnici bhal ta’ zewgha; isegwi ghalhekk ill hija ffirmat document ufficjali (cioe ‘*front to rear*’ ) u konxjentement ghamlet dikjarazzjoni falza ta’ kunjomha. Inoltre jirrizulta illi l-habta bejn il-vetturi ma kinitx wahda accidentali izda ta’ natura doluza u intenzjonata.
Illi l-konvenut Rudolph Anthony Bonnici la qatt informa lill-assikurazzjoni tieghu illi ‘Yvette Calamatta’ kienet filfatt martu l-konventa Yvette Bonnici, u lanqas ma informahom illi l-habta de quo ma kinitx wahda accidentali – u ghalhekk qarraq bl-assikuraturi tieghu u ma zammhomx f’relazzjoni *in uberrima fides*, kif kellu l-obbligu illi jaghmel. Ghaldaqstant jirrizulta illi l-konvenuti, b’qerq u b’intenzjoni cara sabiex iqarrqu bis-socjeta’ attrici, hadu arrikkiment indebitu a skapitu ta’ l-istess socjeta’ attrici. Illi nterpellati sabiex ihallsu dan l-ammont permezz ta’ ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Ligiijiet ta’ Malta datata 2 ta’ Ottubru, 2007, l-intimati baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellhom jigu stitwiti l-proceduri odjerni.
Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet, is-socjeta’ attrici titlob illi l-konvenuti, in solidum u bejniethom, jigu kkundannati sabiex ihallasu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef mija u tmienja u tmenin ewro u disghin centezmu (€3,188.90) bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 460/2008 ipprezentat fit-12 ta’ Ottubru, 2008 u dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Ottubru, 2007, u bl-imghaxijiet mit-2 t’Ottubru, 2007 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-istess intimati.

Illi b’risposta pprezentata fil-5 ta’ Dicembru, 2008 il-konvenut Rudolph Anthony Bonnici eccepixxa illi preliminarjament l-inkompetenza ta’ din il-Qorti rationae materiae u dan a tenur ta’ 1.2 tar-Raba skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta’ Malta. Preliminarjament ukoll it-talba attrici,

essendo fis-sustanza talba ghall-hlas ta’ danni , hija preskritta bid-dekors ta’ sentejn a tenur ta’ l-artiklu 2153 tal-Kap 16. Fit-tielet lok minghajr pregudizzju ghas-suespost il-pretenzjoni tas-socjeta’ assikurattiva fil-konfront tieghu hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex hu ma kkommetta l-ebda qerq fil-konfront tas-socjeta’ assikurattiva attrici.
Illi l-konvenut ma ghamel l-ebda dikjarazzjoni falza u ma’ ta l-ebda informazzjoni materjali li mhix korretta. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghall-hlas tal-mandat ta’ sekwestru numru 460/08 ghandha tigi michuda stante illi dan ma giex pprezentat biex jikkawtela l-proceduri odjerni pero biex jikkawtela procedure ta’ arbitragg fl-istess ismijiet li pero gew decizi kontra s-socjeta’ attrici.
Illi b’risposta pprezentata fil-11 ta’ Marzu 2009 il-konvenuta eccepiet illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici in kwantu mressqa fil-konfront tal-konvenuta Yvette Bonnici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex l-intimata *a tempo vergine* qalet il-verita kollha u baqghet issostni l-istess u ghalhekk bl-ebda mod ma ppruvat tqarraq bis-socjeta’ attrici.
Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjeta’ attrici ghandhom jigu michuda in kwantu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stant li fl-ebda hin il-konvenuta ma naqset mill-obbligu taghha in linea mal-principju ta’ *uberrima fides* u infatti kienet hi li pprovdiet l-informazzjoni kollha lis-socjeta’ attrici sabiex *a tempo verginetikkonstata* l-fatti tal-kaz qabel fil-fatt l-istess socjeta’ attrici effetwat xi hlas.
Minghajr pregudizzju ghas-suespost anki jekk jirrizulta li l-intimat konvenut l-iehor Rudolph Anthony Bonnici pprova jqarraq bis-socjeta’ attrici dan bl-ebda mod ma jfisser li s-socjeta’ attrici ma kinitx dovuta thallas kumpens lill-konvenuta Yvette Bonnici ai termini tal-polza ta’ assikurazzjoni vigenti, bid-dritt se mai ta’ rvalsa kontra l-istess Rudolph Anthony Bonnici.
Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma jirrizultawx l-elementi rikjesti mil-ligi ghal kundanna ta’ hlas in solidum kif rikjest mill-istess socjeta’ attrici.
Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici u l-konvenut Rudolph Anthony Bonnici.

Fis-seduta tad-29 ta’ Ottubru, 2009 giet irtirata mill-konvenut Rudolph Anthony Bonnici.
Xehed Maximillian Borg Bonello li ilu ghaxar snin jokkupa l-kariga ta’ claims negotiator mas-socjeta attrici. Qal illi fit-12 ta’ Gunju, 2006 l-konvenut mar go Paola Branch Office. Il-konvenut Bonnici kien assikurat b’polza ta’ assikurazzjoi li tkopri l-vettura tieghu Hyundai Sonata bin-numru ta’ registrazzjoni GBC 761. Kien infurmahom illi kien involut f’incident awtomobilistiku fl-10 ta’ Gunju, 2006 meta habat ma vettura ohra bin-numru ta’ registrazzjoni CAB 782. Hu hallas l-*excess* u halla kopja tal-licenzja tas-sewqan tieghu. Kien ipprovda wkoll kopja tal-‘*front to rear’* u kien accetta t-tort. Is-sewwieq tal-vettura l-ohra kienet imnizzla bhala certu Yvette Calamatta.
Wara li accettat t-tort minn Rudolph Anthony Bonnici *l-insurance* awtorizza *survey report* fuq il-vettura tieghu peress illi kien inxurjat *comprehensive*. Fl-istess gurnata Yvette Calamata kienet marret tibbukja *survey* fuq il-vettura taghha pero ma fethitx *claim* fuq isimha peress illi kien diga gie accettat it-tort minn Rudolph Anthony Bonnici.
Max Borg Bonello kompla jixhed billi qal illi meta isem Yvette Calamatta ddahhal fis-sistema ddahhal bhala Yvette Bonnici u dan peress illi hi kienet diga assikurata ma GasanMamo Insurance pero peress illi kellha indirizz differenti minn ta Rudolph Anthony Bonnici, ma kienx hemm indikazzjoni ta’ konnessjoni bejniethom. Bdil fil-kunjom huwa komuni peress illi n-nisa gieli jbiddlu kunjomhom wara z-zwieg.
Wara li sar is-survey tas-Citroen CAB 782 din giet dikjarata ‘*beyond economical repair’* u kien hemm *cash settlement* ta’ erbgha mitt lira maltija (Lm400) li Yvette Bonnici accettat. Meta Yvette Bonnici halliet kopja tal-Log Book isimha kien imnizzel bhala Yvette Calamatta fuqu, u fil-21 ta’ Gunju, 2006 meta gabbret ic-cekk ta’ erbgha mitt ewro (Lm400) iffirmat bhala Yvette Bonnici. Il-valur tat-tiswijiet ta’ Rudolph Anthony Bonnici telgha ghal disgha mija u sebgha u hamsin lira maltija u dsatax il cenezmu. (Lm957.19). Wara li thallas dan kollu inghalqet il-claim.
Fil-31 ta’ Jannar, 2007 l-*insurance* irceviet ittra ghan-nom ta’ Yvette Bonnici b’riferenza ghall-incident tal-10 ta’ Gunju, 2006 fejn kienu qed jigu kkontemplati proceduri

kriminali kontra Rudolph Anthony Bonnici ghal reat ta' hsara volontarja. B'din l-ittra rrizulta lill-*insurance* illi Rudolph Anthony Bonnici u Yvette Bonnici kienu mizzewgin. B'rizultat ta' dan l-*insurance* dehrilha illi l-incident kien sar dolozament u peress illi l-polza ma kinitx tkopri hsarat bhal dawn kemm Rudolph Anthony Bonnici kif ukoll Yvette Bonnici thallsu indebitament. Minbarra dan huma ma kinux infurmaw lil assikurazzjoni illi kienu mizzewgin.

Fuq kontro ezami Max Borg Bonello kkonferma illi d-dettalji ta' Yvette Bonnici fuq il-*motor accident* report kienu korretti u dan anki skond is-sistema li ghandhom huma u cioe ta' Yvette Bonnici. Ix-xhud jghid illi meta Yvette Bonnici marret fil-*branch tal-insurance* hallietilhom kemm il-karta tal-identita kif ukoll il-*log book*. Hu qal illi l-karta tal-identita ggib l-isem ta' Yvette Bonnici metri l-log book jgib l-isem ta' Yvette Calamatta.

Permezz ta' affidavit xehed Rudolph Anthony Bonnici li spjega illi hu u martu sseparaw fl-2007. Fi zmien il-habta ma kinux qed jghixu flimkien. Qal illi f'April jew Mejju 2006 kienu marru flimkien u dawru l-karrozzi Citroen fuq isem il-mara peress illi din kienet il-karrozza li ssuq hi u kien qed jircievi hafna citazzjonijiet.

Fil-gurnata tal-incident hu kien ha t-tifla ghand il-mara biex tehodha *party* gewwa *Popeye Village* pero ftakar li ma kinux ftehmu minn ser jigborha. Ghalhekk beda jcempel lill-mara biex jiftehmu pero l-mobile kien mitfi. Ghalhekk qabad it-triq u telaq lejn *Popeye Village*. X'hin lahaqhom beda jaghmel is-sinjal biex ikellemimhom u huma iktar bdew isuqu. Imbaghad f'daqqa bbrejkjaw u dahal fihom ghax ma lahaqx ibbrejkja.

Wara l-habta kien hemm glieda u spicca fl-ghassa. Tant illi l-formola tal-*front to rear* imtliet mill-pulizija u l-firem saru separatament l-ewwel ir-ragel u imbaghad iffirmat il-mara.

Wara l-incident ix-xhud kien mar fl-ufficju ta' GasanMamo Insurance f'Rahal Gdid biex jaghmel il-claim. F'dan l-ufficju kienu jafu kemm lil mara kif ukoll lir-ragel u kienu jafu l-istorja taghhom. Hu qal li ma ried iqarraq b'hadd u l-informazzjoni ta kollha tajba.

In kontro ezami Rudolph Anthony Bonnici jghid illi meta mar il-*branch* kien spjega lill iskrivan tal-*insurance* ma min

habat. Spjega wkoll illi d-daqqa mal-genb tal-karrozza kien hadha mal-hajt waqt l-impatt. It-Tribunal jinnota illi filwaqt li l-mara ssemmi li kieku ma waqfux kienu jaqghu fil-gandott, r-ragel jghid illi kien hemm hajt.
Xehdet il-konvenuta Yvette Bonnici permezz ta' affidavit li kkonfermat illi l-karrozza CAB 782 giet irregistrata fuqha f'April 2006 filwaqt illi l-karrozza GBC 761 baqghet fuq Rudolph Anthony Bonnici. Tghid illi fil-gurnata tal-incident it-tifla z-zghira kellha party tal-precett. It-tfal kienu ghand missierhom imma l-missier informa lil marty li dahluh xoghol u ma setax jiehu t-tifla l-party. L-mara qaltlu biex itella t-tfal il-Qawra fejn kienet hi tehodhom il-party hi u tnizzilhom iz-Zejtun.
Wara li wassal lit-tifla u l-omm, l-partner u t-tifla kienu fit-triq ghal party ndunaw illi kin hemm karrozza li bdiet tpaqpaq u ndunaw li kien il-konvenut Rudolph Anthony Bonnici li beda jsuq magenbhom, nizzel it-tieqa tal-passigier u beda jghajjat u jidghi pero huma baqghu jsuqu. Malli ra hekk il-konvenut ta' daqqa kbira fuq wara tal-karrozza tal-konvenuta u wara ftit ta' daqqa ohra fil-genb tal-karrozza. Kif raw hekk il-konvenuta u l-*partner* nizlu mill-karrozza u bdew jiggieldu mal-konvenut. Marru l-pulizija fuq il-post u haduhom l-ghassa.
Il-konvenuta tghid illi lil pulizija qaltilhom li d-daqqa kienet apposta pero haduhom l-ghassa u baqghu ma hadux *sketch*. Fl-ghassa tawha karta tal-*front to rear* u ffirmataha pero ma qaditx tara kif kienet mimlija. Filfatt anki l-karta tal-identita tathom u din kienet iggib il-kunjom Bonnici. Ix-xhud tghid illi lanqas wara s-separazzjoni ma bidlet kunjomha.
Tghid illi t-tnejn ta' wara l-incident kienet marret ghand GasanMamo Insurance tal-Mellieha u kienet marret wahedha mhux mal-konvenut. L-uniku darba li marret mieghu ghand l-*insurance* kien meta sar *it-transfer* tal-karrozzi. Lil-iskrivana kienet infurmata b'dak li gara u kien kien kissrilha l-karrozza u wara l-iskrivana hadet kopja tal-karta tal-identita u qaltilha biex tmur ghand *Panel Beater ghas*-survey. Wara s-survey gie deciz illi l-karrozza kienet total loss u gie deciz illi l-*insurance* tghatiha erbgha mitt lira maltija (Lm400) tal-karrozza. Wara li ghadda z-zmien u l-partijiet kienu quddiem Qorti tal-Magistrati giet ordnata inkjesta mill-Magistrat peress illi din ma kinitx habta

incident imma habta apposta u ghalhekk gew infurmati l-*insurance*.

Xehed Lawrence Farrugia li huwa l-*Manager tal-Branch* ta' Rahal Gdid ta' GasanMamo Insurance u qal illi filwaqt illi l-*claim* infetah fil-Branch tieghu, dan ma ghamlux hu izda jiftakar li kien mar ikellmu l-konvenut peress illi wara l-claim tal-*front to rear is-surveyor* ma accettalux daqqa li kellu fil-genb tal-karrozza. Rudolph Anthony Bonnici kien mar ikellmu lill-Lawrence Farrugia biex jara x'jista jaghmel u jirrangalu.

Wara li gara hekk ix-xhud kien ikkommunika mal-*Head Office* u wara li staqsewh x'jahseb u hu kien qalilhom li jidher bniedem tal-affari tieghu. Filfatt kienu offrewlu li jhallas *claim* ohra ta' hamsa u ghoxrin lira maltija (Lm25) pero tibqa' *claim* wahda halli ma jitlifx iktar *non claim bonus*. Filfatt hekk sar u d-daqqa giet irrrangata. Mistoqsi jekk Rudolph Anthony Bonnici kienx infurmah illi t-terza persuna kienet il-mara tieghu jghid illi zgur li le ghaliex kieku kien jirreferiha lil *Head Office*. Fuq mistoqsija dwar jekk l-*insurance* tistaqsix hi kull claim jekk il-persuna l-ohra tigix mill-assikurat jghid illi le ghax li kieku ma jieqfux mill-mistoqsijiet. Jghid illi jippretendi illi l-klijenti jghidlu hu stess.

Xehdet ukoll Anna Caruana li kkonfermat illi l-konvenuta Yvette Bonnici marret fil-branch tal-Mellieha u halliet id-dokumenti kollha mehtiega liema dokumenti kienu jgibu l-isem ta' Yvette Bonnici.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati jikkunsidra illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici hi l-assikurattrici tal-konvenut Rudolph Anthony Bonnici u li qed titlob lura l-flus li hallset sabiex tissewwa l-vettura ta' l-istess Rudolph Anthony Bonnici kif ukoll biex tithallas il-vettura ta' Yvette Bonnici li hija wkoll assikurata taghha. Dan il-hlas qed titlobu lura minhabba l-fatt illi Yvette Bonnici hija mart Rudolph Anthony Bonnici u fid-dokumenti pprezentat ruhha bhala Yvette Calamatta. Minbarra dan irrizulta wkoll illi kien Rudolph Anthony Bonnici illi xjentement dahal fil-karrozza ta' Yvette fuq in-naha ta' wara u mal-genb.

Illi fix-xhieda rrizulta illi Yvette Bonnici ma kienitx imliet il-formola hi stess u ghalhekk minkejja li ffirmat id-dokumenti ma jirrizultax illi xjentement riedet tqarraq bis-

socjeta’ attrici tenut kont tal-fatt illi kienet ghaddejja minn glied ma zewgha u ma kinitx ser toqghod tahseb fuq kif ser tqarraq bis-socejta’ attrici waqt illi qed tiggieled ma zewgha fl-ghassa.

Izda min-naha l-ohra Rudolph Anthony Bonnici xjentement u dolozament dahal fuq il-vettura ta’ Yvette Bonnici sabiex ibezzaha u jghamlilha l-hsara.

Ghal dawn il-motivi peress illi thallsu flus taht pretenzjonijiet foloz it-Tribunal peress illi l-incident sehh b’intenzjoni malizjuza tal-konvenut jilqa’ l-talba attrici fil-konfront ta’ Rudolph Anthony Bonnici u jikkundanna lil istess konvenut Rudolph Anthony Bonnici sabiex ihallas lura lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef mija tmienja u tmenin ewro u disghin centezmu (€3,188.90) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv filwaqt illi tichad it-talba fil-konfront ta’ Yvette Bonnici u tilqa’ l-eccezzjonjiet ta’ l-istess Yvette Bonnici.

Rigward l-ispejjez tal-kawza kulhadd ihallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------